# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, il-Ħamis, 2 ta' Frar, 2017**

**Rik. Nru. 14/17JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 14/17 fl-ismijiet:

Clive **MICALLEF**

vs

Frances **REFALO**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors;

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Jannar, 2017;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat difensur tal-intimata u f'isimha waqt is-smigħ tas-26 ta' Jannar, 2017;

Rat li l-partijiet baqgħu ma ressqu l-ebda Nota sallum;

Tqis li d-dikjarazzjoni magħmula f'isem l-intimata hija rabta min-naħa tagħha li mhijiex sejra tagħmel xi ħaġa li dwarha ntalab il-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li għalhekk, u biex ma ddaħħalx lill-partijiet f'nefqa ta' proċeduri tal-Qorti għandu jitqies li l-mertu tat-talba għall-ħruġ tal-Mandat huwa eżawrit;

Tastjeni milli tqis iżjed it-talba għall-ħruġ tal-Mandat; u

Tordna li l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Reġistratur**

**Illum 2 ta' Frar, 2017**